MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 243/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs.**

**Maria Teresa Ambinette**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Maria Teresa Ambinette**, ta' hamsa u erbghin (45) sena, bint Carmelo Micallef u Theresa neé Darmanin, imwielda Luqa nhar id-19 ta' Dicembru, 1967 u li toqghod Flat 3, Qasam Hal Tmiem, Blokk D, Zejtun, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 110568(M)

akkuzata talli nhar id-29 ta' Settembru, 2011, u/jew matul il-jiem u/jew xhur ta' qabel, mill-fond nru. 11, Triq Pawlu Magri, Luqa, b'diversi atti maghmulin minnha stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' curkett *solitaire* u ta' xi oggetti ohra ta' gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-persuna u bil-lok, u li sar ghad-dannu tal-koppja Claude-Josef u Danielle Christienne konjugi Sapiano u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-*Proces Verbal* Numru 934/12 redatt mill-Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia (Dok. "GA 1" – *a fol.* 8) fejn gie konkluz is-segwenti:

> "Mir-rapport ta' l-espert Joseph Mallia, jirrizulta li l-marki tas-swaba li hadu l-pulizija *ex parte* minn fuq il-lok fejn saret is-serqa ma jikkorispondix ma' dawk tas-Sinjura Marthese Ambinette u ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jkompli bl-investigazzjonijiet tieghu dwar is-serqa.
>
> Ghaldaqstant il-Magistrat Inkwirenti qed taghlaq dan il-proces verbal bir-rizultanzi li ghandha u filwaqt li qed tghaqqad mieghu r-rapport tal-iSpettur Frans Micallef, u r-relazzjoni tal-espert, tordna li dan l-inkartament jintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi".

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 76) datata 25 ta' Novembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(c), 261(d), 261(e), 267, 268(a), 269(g), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 80), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 76), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Rat illi l-imputata ma ressqet l-ebda xhieda ohra in difeza.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, lill-Prosekuzzjoni taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 91).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 90), fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sat-30 ta' April 2015 sabiex, jekk thoss il-htiega, tipprezenta s-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza fit-30 ta' April 2015 (*a fol.* 92 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed **Dr. Claude Sapiano** (*a fol.* 9 *et seq.*) fejn spjega li f'Ottubru 2010 martu Danielle u hu sabu xi deheb antik misruq mid-dar taghhom li tinsab 11, Triq Pawlu Magri, Luqa. Jghid li tul is-sena kienu jsibu affarijiet ohra neqsin pero qal li ma kellhomx suspetti fl-imputata li kienet il-*maid* taghhom u li kienet ilha tmur ghandhom madwar sena. Jghid li s-suspetti bdew meta f'Settembru 2011 ma setghax jinstab ic-curkett tal-*engagement* ta' martu, liema curkett ghandu djamant u li jiswa erbat'elef u sitt mitt Euro (€4600.00). Jghid li l-imputata biss kienet tidhol id-dar taghhom. Jixhed li r-rapport rigward ic-curkett sar dakinhar stess li ndunaw li kien nieqes. Ezebixxa dokument in sostenn tal-valur tac-curkett, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "CS 1" (*a fol.* 13). Ezebixxa bhala Dok. "CS 2" (*a fol.* 14) certifikat tal-'International Gemological Institute' li ghandu informazzjoni dwar id-djamant. Ezebixxa wkoll kaxxa li kien fiha d-djamant meta dan nxtara u kif ukoll certifikat ta' garanzija li gew immarkati bhala Dok. "CS 3" u "CS 4" (*a fol.* 15 u 16). Jghid li meta kellmu lill-imputata, hi nnegat. Jghid li l-ahhar darba li raw ic-curkett in kwistjoni kien xi hamest'ijiem jew erbat'ijiem qabel dan ma setghax jinstab. Jghid li l-imputata kienet marret ghandhom minn meta l-ahhar li raw ic-curkett sa kemm ndunaw li c-curkett kien nieqes. Mistoqsi jghid jekk ghandux idea kemm jiswew l-affarijiet l-ohra li kienu naqsu (apparti c-curkett), wiegeb: *"Ifhimni*

*rigward id-deheb jiena nimmagina li huma eluf, ghax ghandek per ezempju deheb antik, crieket antiki u llum nafu li l-prezz ta' d-deheb fil-market huwa gholi hafna"* (*a fol.* 11). Rigward il-valur ta' dawn l-oggetti, apparti c-curkett tal-*engagament*, jghid: *"nimmagina jistghu jitilghu easily anke tliet elef Euro, bil-prezz tad-deheb tallum jekk ghandek certu weight, crieket, gizirana, pendenti"* (*a fol.* 12).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 17 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li xehed fuqu Dr. Sapiano. Jghid li baghat ghall-imputata fl-14 ta' Marzu 2013 u hadilha stqarrija li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 19 *et seq.*). Ezebixxa wkoll zewg dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "JM 2" u "JM 3" (*a fol.* 22 *et seq.*). Jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputata ma kienet instabet l-ebda gojjellerija in konnessjoni ma' dan il-kaz.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 72) fejn ezebixxa stqarrija tal-imputata li giet mehuda mill-iSpettur Frans Micallef, liema stqarrija giet immarkata bhala Dok. "JM 4" (*a fol.* 73 *et seq.*).[1]

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehdet **Danielle Sapiano** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li f'Ottubru 2010 indunaw li kienet insterqet kaxxa tad-deheb mid-dar taghhom li kellha l-valur ta' madwar tlitt elef Euro (€3000.00) fejn fiha kien hemm ghaxar (10) pendenti, xi sitt (6) brazzuletti tad-deheb, xi crieket ecc. Tghid li in segwitu ta' dan ma sarx rapport lill-Pulizija peress li kienu hasbu li din il-kaxxa kienet intilfet jew xi haga f'dawn il-linji. Tghid li tul is-sena bdew jiskopru li kienu qed jisparixxu certu affarijiet taghha,

[1] Fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 62), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PS 947 A. Vella u lill-iSpettur Frans Micallef rigward Dok. "JM 4" (*a fol.* 73 *et seq.*).

bhal brazzuletta u gizirana. Tghid li dawn bdew jisparixxu minn kexxun li hemm fil-kamra tas-sodda. Tixhed li rapport lill-Pulizija sar biss meta ma setghax jinstab c-curkett tal-*engagement*. Tghid li l-imputata kienet il-*maid* taghhom u li damet taghmel dan ix-xoghol ghandhom madwar sena u nofds. Tghid li c-curkett tal-*engagement* kien go kexxun, ic-cavetta ta' liema kexxun kienet go kexxun iehor. Tixhed li f'Ottubru 2010 l-imputata kienet diga bdiet tmur ghandhom. Tghid li l-affarijiet kienu jonqsu meta hi (Sapiano) ma kienitx tkun id-dar u l-imputata kienet tkun wahidha. Tghid li mindu zzewgu l-imputata kienet l-unika persuna li kienet toqghod wahidha fid-dar taghhom. Tghid li l-imputata ma baqghetx tmur ghandhom minn dakinhar li sar ir-rapport dwar ic-curkett tal-*engagement*. Tixhed li dan ic-curkett jiswa l-fuq minn erbat'elef u sitt mitt Euro (€4600.00) u li ma nstab l-ebda sgass fid-dar u li ma gie rkuprat xejn mis-serq.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ghandha prova tal-akkwist tac-curkett tal-*engagement*.

In <u>ri-ezami</u> wara li rat Dok. Dok. "CS 2" (*a fol.* 14) ikkonfermat li dan huwa c-certifikat tad-djamant.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **PS 947 Adrian Paul Vella** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn ezebixxa *statement* tal-imputata mehud minn l-iSpettur Frans Micallef, liema *statement* gie mmarkat bhala Dok. "AV 1" (*a fol.* 37 u 38).[2]

[2] Id-difiza talbet li dan jigi sfilzat *stante* li d-dokument ezebit m'huwiex kopja awtentika tal-original, liema talba giet milqugha fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 62).

In kontro-ezami jikkonferma li dan l-i*statement* m'huwiex iffirmat. Ikkonferma li huwa effettivament kien iffirma fuq l-i*statement* rilaxxat mill-imputata.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Mario James** (*a fol.* 41 *et seq.*) u dana wara li gie nfurmat li setgha ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu. Jghid li huwa ghandu hanut tad-deheb fiz-Zejtun u li ilu f'dan il-mistier tletin sena. Jghid li lill-imputata jafha bhala klijenta tal-hanut tieghu. Ezebixxa ktieb li gie mmarkat bhala Dok. "MJ 1" (*a fol.* 48) f'liema ktieb huwa jirregistra x-xoghol li huwa jixtri. Jghid li mir-*records* tieghu ma rrizultax li kien hemm xi curkett mixtri mill-imputata per jiftakar li l-imputata kienet haditlu curkett. Jghid li lilu hadd ma kien infurmah li c-curkett kellu djamant u huwa mmagina li dan ic-curkett kellu zirkonja. Jghid li ghal dan ic-curkett lill-imputata tahha sittin Euro (€60.00). Jghid li lilu hadd ma tah certifikat u hadd ma gibidlu l-attenzjoni dwar il-valur tac-curkett. Jispjega li ma kienx jixtri c-curkett kieku gie nfurmat li kien jiswa erbat'elef Euro (€4000.00). Jixhed li darba fil-gimgha jmur certu Leli Zammit minn San Gwann u jigbor id-deheb. Mistoqsi jghid x'saret minnha dik li huwa jghid li kienet zirkonja, wiegeb li din tinkiser u tintrema peress li min jixtri d-deheb ma jixtrix fosos pero jixtri l-materjal.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Miriam Milenkovich** (*a fol.* 49 *et seq.*) ghan-nom ta' Victor Azzopardi Jewellers u wara li giet murija Dok. "CS 2" (*a fol.* 14) spjegat li dan huwa certifikat li jigi moghti meta jinxtara curkett li jkun fih id-djamanti. Tghid li, f'dan il-kaz, ic-curkett kellu djamant wiehed. Meta giet murija Dok. "CS 1" (*a fol.* 13) ikkonfermat li dan juri d-daqs tad-djamant u l-kwalita' tieghu u wara jinhareg il-prezz li f'dan il-kaz kien ta' erbat'elef u sitt mitt Euro (€ 4600.00).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, xehed **PS 100 Terence Azzopardi** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn ezebixxa rapport li gie mhejji minn WPC 271 li nfurmatu b'dan il-kaz. Jghid li fit-30 ta' Settembru 2011 gie nfurmat li l-konjugi Sapiano kienu sabu curkett *solitaire* nieqes minn gewwa r-residenza taghhom f'Hal-Luqa. Jghid li ma kellhom mkien sgassat u li s-suspett waqa' fuq il-*maid* taghhom, cioé l-imputata. Jghid li huwa gie nfurmat mill-iSpettur Frans Micallef sabiex jaghmel tfittxija fir-residenza tal-imputata, liema tfittxija saret dakinhar stess li sar ir-rapport, u liema tfittixja rrizultat fin-negattiv. L-okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "TA 1" (*a fol.* 66 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, xehed **is-Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 78) fejn ikkonferma r-rapport redatt minnu fl-Inkjesta Magisterjali Dok. "GA 1" (*a fol.* 8). Jghid li l-ebda *finger print* li kien gie elevat ma kien jaqbel ma' dawk tal-imputata.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2014, xehdet **Maria Teresa Ambinette** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet li hija kienet tahdem bhala fattiga u kienet tmur ghand il-konjugi Sapiano ghal madwar sens u nofs u kienet tmur kull hmistax-il gurnata. Ikkonfermat li hadet curkett minn ghand il-konjugi Sapiano u haditu go hanut fiz-Zejtun u c-curkett gie stmat sittin Euro (€60.00) u giet moghtija dan l-ammont. Tghid li fis-sena 2011 kien telaq ir-ragel taghha mid-dar u hallieha bi tlett itfal fl-eta' ta' dsatax, tlettax u hdax-il sena u li finanzi f'idejha ma kellhiex. Tghid li jiddispjaciha ghal dak li ghamlet u li ma kellhiex flus biex tmantni lit-tfal u li bintha kellha xi problemi medici.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li hija ma hadet xejn aktar mill-konjugi Sapiano hlief ghac-curkett li ghamlet riferenza ghalih meta kienet qed tixhed in ezami. Tghid li gie li dahlu xi haddiema fid-dar tal-konjugi Sapiano biex jirrangaw xi affarijiet, liema haddiema tghid

kienu jkunu hemm meta hija ma kienitx tkun prezenti. Tghid li fl-istqarrija li rrilaxxat lill-iSpettur Frans Micallef kienet cahdet li kellha xi involviment fis-serqa in kwistjoni peress li bezghet titkellem peress li kellha tlett itfal u kienet ilha ghaddejja ghal diversi snin minn vjolenza domestika. Tghid li hija ma kienitx taf li c-curkett in kwistjoni kien jiswa ferm aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JM 4" – *a fol.* 73 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-iSpettur Frans Micallef, liema stqarrija giet rilaxxata fit-12 ta' Dicembru 2011, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat d-dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat ta' fiducja taghha u hija ma haditx dan id-dritt, l-imputata cahdet li kienet hadet ic-curkett in kwistjoni. F'din l-istqarrija l-imputata cahdet li hija qatt hadet xi haga mid-dar tal-konjugi Sapiano.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "JM 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-iSpettur Joseph Mercieca, liema stqarrija giet rilaxxata fl-14 ta' Marzu 2013, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat d-dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat ta' fiducja taghha u hija hadet dan id-dritt, l-imputata kkonfermat li kienet hija li kienet hadet ic-curkett li kien gie rapportat nieqes mir-residenza tal-konjugi Sapiano f'Settembru 2011. Tikkonferma dan minkejja li kienet originarjament cahdet li kienet hi li hadet ic-curkett. Tghid li dak li wassalha tisraq ic-curkett kien peress li bintha ta' tlettax-il sena kellha xi mard. Fl-istqarrija taghti dettalji fuq l-istess linji li ddeponiet quddiem il-Qorti. Tghid li kienet hasbet li c-curkett kien wiehed tal-fidda u li kienet l-ewwel darba li marret tbiegh xi oggetti gol-hanut fiz-Zejtun. Tichad li hadet xi affarijiet ohra mid-dar tal-konjugi Sapiano. Tghid li gie li kien ikun hemm drabi fejn kienet tkun wahidha tnaddaf fid-dar tal-konjugi Sapiano. Tghid li bic-

curkett in kwistjoni baqghet sejra l-hanut fiz-Zejtun dakinhar stess li haditu mid-dar tal-konjugi Sapiano.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-imputata tinsab akkuzata b'serq b'numru ta' kwalifiki, li huma dawk tal-valur, tal-lok u tal-persuna.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata lill-imputata hija veri u dan ghaliex kif jghid il-**Mazzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

> *"Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi l-parti leza jixhdu li, apparti c-curkett tal-*engagement*, tul is-sena ta' qabel huma sabu xi deheb antik iehor u affarijiet ohra nieqsa. Il-Qorti tinnota li l-konjugi Sapiano ma ghamlu l-ebda rapport ta' dawn l-affarijiet li kienu jsibu nieqsa tul is-sena u li l-imputata ma ammettietx li kienet hadet dawn l-affarijiet. Il-konjugi Sapiano ghamlu rapport lill-Pulizija meta sabu c-curkett tal-*engagement* nieqes. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li fir-rigward tad-deheb l-antik u l-affarijiet l-ohra li l-parti leza sabu neqsin tul is-sena ta' qabel ma jirrizultawx provi bizzejjed li jippuntaw ghall-fatt li l-imputata kkommettiet dan is-serq. Dan m'huwiex il-kaz fil-kaz tac-curkett tal-*engagement*. Fir-rigward tac-curkett tal-*engagement*, jirrizultaw s-segwenti:

- Dr. Claude Sapiano (*a fol.* 9 *et seq.*) jghid li l-imputata biss kienet tidhol id-dar taghhom u li l-imputata kienet marret ghandhom minn meta l-ahhar li raw ic-curkett sakemm indunaw li kien nieqes.

- Danielle Sapiano (*a fol.* 29 *et seq.*) tghid li l-imputata kienet diga tmur ghandhom meta c-curkett tal-*engagement* gie misjub nieqes. Hija tghid ukoll li l-imputata kienet l-unika persuna li kienet toqghod wahidha fid-dar taghhom mindu zzewgu. Irrizulta li ma kien hemm l-ebda sgass fid-dar.
- Mario James (*a fol.* 41 *et seq.*) xehed li jiftakar li l-imputata kienet haditlu curkett u li lilu hadd ma kien infurmah li c-curkett kellu djamant u huwa mmagina li dan ic-curkett kellu zirkonja.

- L-imputata Ambinette nnifisha quddiem il-Qorti (*a fol.* 84 *et seq.*) tammetti li kienet hija li hadet ic-curkett in kwistjoni u spjegat ir-raguni ghala ghamlet hekk. Hija ammettiet dan ukoll meta rrilaxxat it-tieni stqarrija taghha.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputata effettivament serqet ic-curkett tal-*engagement* in kwistjoni. Fir-rigward tal-kwalifiki ta' serq indikati fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Il-kwalifika tal-valur gie pruvat *stante* li gie pruvat li c-curkett in kwistjoni kellu l-valur ta' erbat'elef u sitt mitt Euro (€4600.00). Dan ikkonfermatu x-xhud Miriam Milenkovich (*a fol.* 49 *et seq.*) ghan-nom ta' Victor Azzopardi Jewellers fejn ikkonfermat ukoll Dok. "CS 1" (*a fol.* 13) u Dok. "CS 2" (*a fol.* 14).

- Il-kwalifika tal-persuna gie wkoll pruvat *stante* li l-imputata kienet taghmel xoghol ta' seftura ghand il-konjugi Sapiano.

- Il-kwalifika tal-lok gie wkoll pruvat *stante* li s-serq sar minn dar ta' abitazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti, jirrizultalha li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata (fir-rigward tac-curkett tal-*engagement* **BISS**) bil-kwalifiki kollha ndikati fiha.

Illi, fir-rigward ta' piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputata (Dok. "JM 2" – *a fol.* 22 – li hija wahda kompletament nadifa), ir-raguni ghala l-imputata kkommettiet ir-reat *de quo*, u l-fatt li f'kaz li l-imputata tinghata piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx f'pozizzjoni li thallas lura l-valur tac-curkett in kwistjoni lill-konjugi Sapiano u ghaldaqstant ikun ghaqli li l-imputata tinghata sentenza li permezz taghha tkun tista' fi zmien qasir thallas lura l-valur tac-curkett li serqet u bieghet u ma setghax jinstab u fin-nuqqas tiskonta piena ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 76) b'mod partikolari Artikoli 261(c), 261(d), 261(e), 267, 268(a) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Maria Teresa Ambinette hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha (u dana fir-rigward tac-curkett tal-*engagement* biss) bil-kwalifiki kollha ndikati fl-imputazzjoni u tikkundannha ghal perijodu ta' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6) xhur thallas lil Claude-Josef

Sapiano u Danielle Sapiano s-somma ta' erbat'elef u sitt mitt Euro (€4600.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin jew jekk ma thallasx l-ammont ta' €4600.00 fiz-zmien lilha moghti.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum thallas is-somma ta' hames mitt Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€500.25) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-espert is-Sur Joseph Mallia f'dan il-kaz.[3]

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Dok. "GA 1" – *a fol.* 8.